## Is-servizz tagħna

- Servizz ta' Konsulenza bla ħlas, kunfidenzjali u multilingwi għall-ġenituri u l-familji
- Riferiment u Organizzazzjoni ta' Medjazzjoni f'+30 Lingwa u +35 Pajjiż
- Riferiment lil Avukati Speċjalizzati tal-Familja min-Netwerk MiKK
- Taħriġ u Seminars dwar il-Medjazzjoni Transkonfinali tal-Familja (CBFM) għall-Medjaturi internazzjonali
- Sensibilizzazzjoni Pubblika u Kooperazzjoni ma' Partijiet Interessati Internazzjonali
- Riċerka u Żvilupp

## Għamel kuntatt magħna!
## Aħna qegħdin hawn biex ngħinu.

**+49 (0) 30 - 74 78 78 79**

**info@mikk-ev.org**

Aħna impenjati li nissalvagwardjaw l-aħjar interessi tat-tfal f'ċirkostanzi partikolarment iebsa: tfal maqsumin mhux biss bejn ġenituri f'kunflitt ma' xulxin, iżda wkoll bejn pajjiżi u kulturi.

70%

F'iktar minn **70%** tal- Medjazzjonijiet kollha tal-MiKK il-ġenituri jirnexxielhom jilħqu soluzzjoni amikevoli!


**MiKK e.V.**

**International Mediation Centre for Family Conflict and Child Abduction**

Fasanenstraße 12
10623 Berlin
Il-Ġermanja

www.mikk-ev.org
info@mikk-ev.org

+49 (0)30 -74 78 78 79


**Kull kontribuzzjoni tgħodd**
**- jekk jogħġbok appoġġja x-xogħol tagħna!**

Il-Kont għad-Donazzjonijiet:

Deutsche Kreditbank AG
IBAN: DE39 1203 0000 1005 3393 44
BIC: BYLADEM1001

Paypal: info@mikk-ev.org

MiKK Flyer f'lingwi oħra:
www.mikk-ev.org/informations/flyer/

B'Koperazzjoni ma':

BAFM — Bundesverband MEDIATION www.bmev.de

**Ikkoffinanzjat mill-Unjoni Ewropea**


Il-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni huwa r-responsabbiltà unika ta' MiKK e.V. u mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni tal-Unjoni Ewropea.


# Nippermettu lill-ġenituri li jibqgħu msieħba



**Malti**
**Maltese**

**Ċentru ta' Medjazzjoni Internazzjonali għall-Kunflitti tal-Familja u l-Ħtif tat-Tfal**

## Min aħna

Il-MiKK hija NGO speċjalizzata li ilha attiva internazzjonalment għal aktar minn 20 sena fil-qasam tal-medjazzjoni f'kunflitti transkonfinali dwar il-familja u r-responsabbiltà tal-ġenituri.

Bħala organizzazzjoni rikonoxxuta internazzjonalment u ewlenija f'dan il-qasam, il-MiKK tgħin lill-ġenituri madwar id-dinja f'sitwazzjonijiet ta' konflitt diffiċli, li ħafna drabi jkunu eskalati ħafna sabiex isibu soluzzjonijiet amikevoli u sostenibbli.

## Għalfejn aħna neżistu

Meta familji internazzjonali jisseparaw, id-dispożizzjonijiet legali barranin u internazzjonali huma ta' importanza kbira minbarra l-ipproċessar tal-kunflitt tar-relazzjoni jekk ġenitur wieħed:

⚠ jiddeċiedi li jirritorna f'pajjiżu, u jeħtieġ li jkun koġenitur bejn il-fruntieri.

⚠ jiddeċiedi li jirritorna f'pajjiżu, u jieħu lit-tifel/tifla miegħu mingħajr il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor li għandu drittijiet konġunti ta' kustodja.

⚠ ma jirritornax mat-tifel/tifla wara vakanza, mingħajr il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor li għandu drittijiet konġunti ta' kustodja.



**Ħafna drabi, il-ġenituri ma jirrealizzawx li l-aħħar żewġ xenarji ta' hawn fuq jikkostitwixxu ħtif tat-tfal u li l-ġenituri jistgħu jiġu mħarrka għal dan taħt il-liġi ċivili kif ukoll kriminali.**

Permezz ta' proċeduri aċċelerati skont il-Konvenzjoni tal-Aja dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali tat-Tfal u r-Regolament tal-UE Brussell IIb, il-qrati jistgħu jordnaw ir-ritorn rapidu tat-tfal fil-pajjiż tar-residenza abitwali tat-tfal. Madankollu, dawn il-proċedimenti ma jistgħux jindirizzaw dak li hu fl-aħjar interess tat-tfal fit-tul.

*Speċjalment f'dawn il-każijiet il-medjazzjoni toffri ċans reali!*



## Vantaġġi tal-medjazzjoni

Il-medjazzjoni hija metodu barra l-qorti ta' riżoluzzjoni ta' kunflitt. Fit-tilwim dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri l-medjazzjoni hija rakkomandata mill-istrumenti legali rilevanti u mill-esperti.

**Il-medjazzjoni tgħin lill-ġenituri biex:**

✓ inaqqsu l-kunflitt tal-ġenituri.

✓ Jikkomunikaw flimkien f'post sigur, kunfidenzjali u appoġġjat.

✓ jieħdu r-responsabbiltà li jsibu soluzzjoni ġusta li tiffoka fuq il-benessri tat-tfal tagħhom.

✓ jiżviluppaw soluzzjonijiet għal firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet - fl-aħjar interess tat-tfal tagħhom.

U:

✓ il-medjazzjoni tista' sseħħ fi kwalunkwe ħin – anke waqt proċedimenti tal-qorti li jkunu għaddejjin, anke fi proċeduri ta' ħtif tat-tfal.

✓ ftehim medjat jista' jsir legalment vinkolanti u infurzabbli mill-qorti.

## Kif nappoġġjaw lill-ġenituri

**Aħna ninfurmaw u nagħtu pariri lill-ġenituri mingħajr ħlas f'diversi lingwi dwar** l-aspetti kollha li jduru mas-suġġett ta' konflitti u medjazzjoni internazzjonali tal-familja u r-responsabbiltà tal-ġenituri.

Nagħtu wkoll pariri f'każijiet fejn familja tippjana li tirriloka barra mill-pajjiż flimkien.

**Aħna nirreferu u norganizzaw medjazzjoni bi-lingwi għall-ġenituri madwar id-dinja f'+30 lingwa** ma' medjaturi speċjalizzati u multilingwi min-Netwerk internazzjonali MiKK f'+35 pajjiż. Suġġetti diskussi wiċċ imb wiċċ jew onlajn bħal:

- **Tilwim Internazzjonali dwar Kustodja u Kuntatt**
- **Każijiet ta' Ħtif Internazzjonali tat-Tfal**
- **Prevenzjoni tal-Ħtif tat-Tfal**
- **Rilokazzjoni Barra mill-pajjiż**
- **Tilwim ta' manteniment (finanzjarju) f'każijiet ta' separazzjoni/divorzju**

Sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dawn il-każijiet binazzjonali u l-ħtiġijiet tal-ġenituri, il-medjaturi tal-MiKK dejjem jaħdmu f'ko-medjazzjoni skont l-hekk imsejjaħ **"Mudell 4 B"**.
Huma jirrappreżentaw **LIŻ-ŻEWĠ**:

1. Kulturi (bikulturali)
2. Lingwi (bilingwi)
3. Sessi tal-ġenituri (bi-sessi)
4. Sfondi professjonali: psiko-soċjali u legali (bi-professjonali)

**Hija l-missjoni tal-MiKK li tippromwovi medjazzjoni f'tilwim internazzjonali dwar il-kustodja u każijiet ta' ħtif tat-tfal: fl-aħjar interess tat-tfal!**